MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 50/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Simone Marie Anne Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Simone Marie Anne Attard talli fl-4 ta' Awissu 2007 ghall-habta tal-10.10hrs fi Triq Santa Tereza, B'Kara:

1. Saqet il-vettura SIM-006 kontra sinjal tat-traffiku indikat f'dik il- lokalita`;

2. Saqet il-vettura imsemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

3. Ghamlet uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar 2008 li permezz taghha, fuq ammissjoni, dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Simone Marie Anne Attard hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u, wara li rat ir-reg. 2 ta' l-A.L. 94/1969, l-art. 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, ir-Reg. 14(1) u 51(7)(a) ta' l-A.L. 476/2004 u l-art. 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatha ghall-hlas ta' *ammenda* ta' €46.59 ekwivalenti ghall-Lm20 fuq l-ewwel imputazzjoni, *multa* ta' €104.82 ekwivalenti ghall-Lm45 fuq it-tieni imputazzjoni u *multa* ta' €2329.37 ekwivalenti ghall-Lm1000 fuq it-tielet imputazzjoni u skwalifikatha milli jkollha jew milli tikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il il xahar mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Simone Marie Anne Attard pprezentat fis-26 ta' Frar 2008 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar id-dikjarazzjoni tal-htija u dwar il-piena pekunjara u tibdilha dwar is-sospenzjoni tal-licenzji tas-sewqan, billi thassar l-istess sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-iskwalifika tal-licenzji. Fil-fatt fir-rikors ta' appell gie ndikat li s-sitwazzjoni familjari taghha hija tali li l-karozza hija mhux biss importanti izda indispensabbli minhabba mard fil-familja li trid tiehu hsieb hi u anke minhabba li fil-familja taghha l-unika persuna li

hemm issuq hija hi. Quddiem din il-Qorti saret elaborazzjoni dwar is-sitwazzjoni familjari ta' l-appellanti u ghalhekk din il-Qorti setghet tifhem ahjar il-htiega impellenti li hija tkun tista' ssuq.

Ghalhekk wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti esposti quddiem il-Qorti u li l-appellanti kkonfermat bil-gurament u wara li anke hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija li ghamlet l-appellanti, il-kooperazzjoni taghha ma' l-awtoritajiet u c-cirkostanzi tal-kaz, hi tal-fehma li hemm lok ta' temperament fil-perijodu ta' skwalifika.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha in kwantu skwalifikat lill-imsemmija Simone Maria Ann Attard milli jkollha jew milli tikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza appellata u minflok tiskwalifikaha milli jkollha jew milli tikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem minn nofs il-lejl tallum, u tikkonfermaha fil-bqija. Il-perijodu ta' tmintax-il xahar moghti mill-ewwel Qorti sabiex jithallsu l-*ammenda* u l-*multi* jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------